# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1429/00**

**Numru 48**

**Mario Bonnici**

**vs**

**Melanie Camilleri**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm740 import ta' hlasijiet li kellu jaghmel skond sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Dr A.H. Farrugia et vs Mario Bonnici, u dan peress li l-konvenuta kienet dahlet garanti ghad-dejn ta' Tobias Farrugia meta dahal jokkupa l-fond in kwistjoni u dan skond obligazzjoni mill-konvenuta assunta.

Bl-ispejjez . Il-konvenuta giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Avviz Nru 1429/00 JAB

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-28 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur s-somma ta' Lm740.00,0 bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg